# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru 11**

**Rikors numru 11/14 SM**

1. **John Formosa**
2. **Doris Grima**
3. **Alfred Formosa**
4. **Nazzareno Formosa**
5. **Joseph Formosa**
6. **Carmelo Formosa**
7. **Catherine Callus**

**v.**

1. **Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika);**
2. **Kap Ezekuttiv tal-Awtorita' dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol;**
3. **Kummissarju tal-Pulizija;**
4. **Avukat Generali.**

<u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrenti John Formosa, Doris Grima, Alfred Formosa, Nazzareno Formosa, Joseph Formosa, Carmelo Formosa u Catherine Callus, mis-sentenza moghtija fid- 29 ta' Novembru, 2017, [is-sentenza appellata] mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt li laqghet it-talba tar-rikorrenti fir-rigward tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni], irrespingiet it-talba tal-istess rikorrenti fir-rigward tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u, illikwidat favur ir-rikorrenti kumpens ta' €21,000 *ai termini* tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li ghandu jithallas mill-intimati *in solidum* lir-rikorrenti sabiex jinqasam ugwalment bejn l-istess, bl-ispejjez jithallsu mill-intimati.

<u>Mertu</u>

2. Illi r-rikorrenti bhala eredi ta' Salvatore Formosa li miet fit-23 ta' Ottubru, 1978, tal-eta` ta' 62 sena, fethu dawn il-proceduri biex jiksbu dikjarazzjoni illi d-drittijiet fondamentali taghhom taht l-Artikolu 2, l-Artikolu 3 u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [il-Konvenzjoni] u tal-Artikolu 33 u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, gew lezi meta bl-espozizzjoni ghal zmien twil ghal ammonti kopjuzi ta' asbestos fil-kors tal-impjieg tieghu mal-Malta Drydocks Corporation, bir-rizultat li dan wassal ghall-mewt tal-imsemmi Emanuel Caruana kagun tà *Malignant Mesothelioma*.

3. Fir-rikors promotur taghhom ir-rikorrenti ghamlu s-segwenti talbiet relevanti ghal dan l-appell odjern:-

> "Tikkwantifika kumpens xieraq bhala rimedju ghal ksur tad-drittijiet fuq indikati jew mil-liema minnhom, tillikwida dan l-ammont, u tordna li dan ir-rimedju pekunjarju jithallas lir-rikorrenti.".

4. Fir-risposta taghhom, l-intimati, *inter alia*, sostnew li (a) l-ebda wiehed minnhom ma kien il-legittimu kontradittur; (b) ir-rikorrenti kellhom ghad-dispozizzjoni taghhom mezzi ordinarji quddiem il-Qrati ordinarji ghar-rizarciment ta' danni; (c) l-ilmenti tar-rikorrenti abbazi tal-Konvenzjoni ma setghux jigu ttrattati peress li dawn kienu jirrigwardaw cirkostanzi li sehhew qabel it-30 ta' April, 1987, jigifieri d-data tal-adozzjoni tal-Konvenzjoni fil-ligi taghna; (d) kellha tingab prova tal-*locus standi* tar-rikorrenti bhala vittmi diretti/indiretti; (e) kellha wkoll tingab prova dwar l-impjieg ta' Salvatore Formosa, li hu kien espost ghall-*asbestos* tul dak l-impjieg u li l-kawza unika tal-kancer kien proprju ghaliex hu kien gie hekk espost; (f) ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni; u (g) ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

Is-Sentenza Preliminari

5. Permezz tas-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru, 2014, l-ewwel Qorti wara li kkonsidrat l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari

sollevati mill-intimati, (a) cahdet l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' *locus standi* tar-rikorrenti; (b) cahdet l-eccezzjoni li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji ezistenti; u (c) laqghet l-eccezzjoni li l-ilment kien jirreferi ghal fatti antecedent ghad-data imposta fil-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk iddikjarat li ma kellhiex gurisdizzjoni tisma' l-kaz mil-lenti tal-Konvenzjoni, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

6. Ir-rikorrenti appell quddiem din il-Qorti ghal revoka u thassir tal-istess sentenza.

7. L-intimati wkoll ressqu appell limitatament fir-rigward tad-decizjoni dwar l-eccezzjoni taghhom li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji ezistenti.

8. Ukoll l-intimata l-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol appellat incidentalment dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' *locus standi* u l-eccezzjoni dwar l-ezawriment tar-rimedji ordinarji, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

9. Permezz tas-sentenza tat-30 ta' Ottubru, 2015, din il-Qorti cahdet l-appelli tal-partijiet kollha u, filwaqt li kkonfermat is-sentenza appellata, ordnat li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti sabiex jitkompla s-smigh relattivament ghall-ilmenti taht il-Kostituzzjoni.

## Is-Sentenza Appellata

10. Ghandu jinghad qabel xejn li r-rikorrenti, permezz ta' nota pprezentata fit- 23 ta' Marzu, 2017, (a fol. 271) irtiraw il-pretensjonijiet taghhom kontra l-Awtorita' dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol biss.

11. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet li qed jigu riprodotti testwalment:-

> "17. Illi in vista tas-sentenza preliminari ta' din il-qorti datata d- 19 ta' Novembru, 2014, (ara foll 83), u tas-sentenza in appell mill-istess tal-Qorti Kostituzzjonali datata t- 30 t'Ottubru, 2015, (ara foll 144), din il-procedura hi issa ghalhekk essenzjalment limitata ghall-kweziti rilevanti naxxenti mill-artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni;
>
> "…
>
> "18.8 Illi Salvatore Formosa jirrizulta li kien jahdem bhala '*fitter*' it-tarzna u miet fit- 23 t'Ottubru, 1978, (ara rispettivament foll 276 u foll 5);
>
> "18.9 Illi dan id-decess jirrizulta li kien rizultat ta' *'malignant mesothelioma pleurae'*, '*heart pulmonary failure'*, u '*secondary deposits liver, anaemia',* (ara foll 5);
>
> "18.10 Illi l-istess jirrizultaw li kienu kkagunati ghaliex f'xogholhu l-imsemmi Salvatore Formosa kien espost ghall-asbestos;
>
> "18.11 Illi l-awtoritajiet koncernati kemm governattivi kif ukoll imprenditorjali qatt ma allertaw lill-haddiema fir-rigward jew hadu passi biex jeliminaw id-danni hekk ikkagunati lill-haddiema involuti;
>
> "18.12 Illi konsegwentement id-decess ta' Salvatore Formosa kien rizultat dirett ta' ommissjonijiet daparti tal-Istat li m'aggornax il-legislazzjoni tal-pajjiz ma' dak l-gharfien xjentifiku li maz-zmien, (mis-

sittinijiet), beda jizdied dwar il-perikoli serjissimi konnessi mal-uzu tal-asbestos;

“18.13 Illi rizultat tal-istess, l-imsemmi Salvatore Formosa kien espost ghall-uzu tal-asbestos fix-xoghol gornalier tieghu bil-konsegwenza li garrab marda terminali li wasslitu ghall-mewt qabel iz-zmien;

“18.14 Illi ghalhekk l-allegazzjoni tal-intimati rimanenti li l-gharfien dwar il-perikli tal-asbestos kienu naxxenti fis-snin disghin qed tigi respinta, (ara foll 330);

“18.15 Illi *di piu’,* l-istess **Qorti ta’ Strasburgu** gia’ ddekretat fil-kawza **Brincat and Others vs. Malta,** (ara paragrafu numru tmintax punt sebgha, (18.7), aktar qabel), fir-rigward u stabbiliet li l-Istat Malti, tramite l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward, gia’ kellu taghrif ghad-disposizzjoni tieghu rigwadanti l-perikolozita’ immani in dizamina izda xorta naqas li jadotta mizuri preventivi fl-interess tal-operaturi kkoncernati fuq il-post tax-xoghol, (ara paragrafi 106 u 107 a foll 312 u 313);

“18.16 Illi in vista tal-premess, ghandu jkun pacifiku li l-ewwel parti tal-ewwel talba rigwardanti l-artiklu 33 tal-Kostituzzjoni ghandha tigi akkolta;

“…
“Ikkunsidrat:

“19.5 Illi minn ezami tar-rizultanti *in atti* f’dan il-kaz, fin-nuqqas daparti tal-intimati fuq riskontrat, la jirrizulta li kien hemm trattament inuman u lanqas trattament degradanti skont it-tifsira tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni;

“19.6 Illi ghalhekk dan l-artiklu hawn indirizzat ma jirrizultax li hu applikabbli ghall-fattispeci in dizamina;

19.7 Illiin vista tas-suespost din it-tieni talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta;

“Ikkunsidrat:

“20.0 Illi fir-rigward tar-rimedju mitlub mir-rikorrenti rizultat tas-suespost, jinghad sintetikament is-segwenti:

“20.1 Illi l- *mesothelioma* malinna riskontrata tista’ generalment tirrizulta minn esposizzjoni ghall-asbestos, (ara foll 181);

“20.2 Illi jirrizulta li Salvatore Formosa kien espost ghal dan il-materjal meta hu kien impjiega bhala ‘*fitter’* it-tarzna (ara foll 276);

"20.3 Illi r-rimedju prospettat fi procedura ta' natura kostituzzjonali mhux dak ta' natura civili izda dak ta' natura morali;

"20.4 Illi d- *decuius* miet fl-eta` ta' 62 sena, (ara foll 5);

"20.5 Illi l-kontribuzzjoni familjari ma tantx kienet qawwija;

"20.6 Illi nonostante dan, l-istess kontribuzzjoni xorta kienet determinanti ghall-familja numeruza tad-decuius;

"20.7 Illi tenut kont tal-fatturi fuq indikati dawn iwasslu lill-qorti tikkonkludi li l-kumpens non-pekunjarju misthoqq ghas-sofferenza subita bil-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali fuq riferit ghandu jkun kif stabbilit aktar 'l quddiem".

L-Appell

12. Ir-rikorrenti pprezentaw l-appell taghhom permezz ta' rikors datat 18 ta' Dicembru, 2017, fejn talbu illi din il-Qorti "*sabiex filwaqt li tikkonferma l-lezjoni tal-Art. 33 tal-Kostituzzjoni skond is-sentenza appellata tad-29ta' Novembru, 2017, fl-ismijiet premessi,tawmenta u takkorda lir-rikorrenti kumpens morali kumplessiv ta'mhux anqas minn €30,000*".

13. B'risposta minnhom ipprezentata fid-29 ta' Dicembru, 2017, l-intimati kollettivament bejniethom wiegbu illi l-appell tar-rikorrenti ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellanti.

L-Aggravju

14. Qabel xejn hija opportuna l-osservazzjoni illi ma sar ebda appell dwar id-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn sabet lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti taht l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni, izda mhux taht l-Artikolu 36 tal-istess. Ghalhekk l-appell, u kwindi l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti, ser ikunu limitati ghall-aspett tal-quantum likwidat mill-ewwel Qorti in linea ta' kumpens ghall-ksur tal-imsemmija Artikoli.

15. Ir-rikorrenti qeghdin isostnu li ma kellha ssir l-ebda diskriminazzjoni kontrihom f'dak li hu l-quantum tal-kumpens likwidat ghad-danni non-pekunjarji meta wiehed iqies il-kumpens likwidat fir-rigward ta' persuni ohra li kienu ressqu ilment legali simili, anzi kwazi identiku ghal taghhom, u dan filwaqt li nvokaw l-Art. 6 (fair trial), l-Art. 13 (discrimination) u l-Art. 14 (effective remedy), tal-Konvenzjoni.

16. Ir-rikorrenti jiddikjaraw li huma kienu ntavolaw il-proceduri odjerni wkoll taht il-principju *auctoritas rerum similiter judicatarum,* u hawn ghamlu referenza ghal sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Jannar, 2013, fl-ismijiet **Bonnici Stephen v. Avukat Generali**. Huma ghamlu referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Brincat v. Malta** fejn tlett familjarji ta' vittma li kien miet kawza tal-asbestos, inghataw danni non-pekunjarji ta' €30,000 kollettivament, kif ukoll ghas-

sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Jannar, 2017, fl-ismijiet **Mary Grace Farrugia et. v. Tabib Principali tal-Gvern et** fejn ukoll kien inghata kumpens ta' €30,000 in linja mas-sentenza tal-Qorti Ewropea fuq citata.

17. Isostnu illi ghandu jkun hemm uniformita` fil-quantum ta' danni morali moghtija lill-vittmi u konsiderazzjonijiet legalment irrelevanti jew sahansitra arbitrarji, bhal eta` tal-vittma, jistghu jwasslu biss ghal rizultat kaotiku.

18. L-intimati appellati fir-risposta taghhom, jibdew billi josservaw li l-ewwel Qorti kienet fliet sew il-provi kollha mressqa sabiex waslet ghad-decizjoni taghha. Jghidu li l-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom jaghmlu referenza ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Brincat v. Malta**; izda jsostnu li kull kaz ghandu jigi ezaminat ghalih u l-ammont moghti mill-Qorti Ewropea f'dak il-kaz, kien wiehed biss indikattiv u ma kienx jorbot bl-ebda mod il-Qrati taghna.

19. L-intimati jghidu li l-lanjanza tal-appellanti ma kienitx ukoll tregi ghaliex ghalkemm l-Istat kellu jiehu dawk il-mizuri necessarji sabiex individwu ma jkunx espost ghal perikli ghas-sahha tieghu, kien hemm parametri li fihom jithalla jahdem sabiex isir bilanc tal-interessi opposti.

20. B'referenza ghall-provi, huma jirrilevaw li jirrizulta mix-xhieda ta' Joseph Saliba li t-Tarzna kienet investit f'*health and safety manager* u hekk kif dahlet il-konoxxjenza tal-periklu (*awareness)* tal-asbestos, mill-ewwel bdew jittiehdu l-prekawzjonijiet sabiex jigu protetta l-haddiema; sahansitra l-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Brincat v. Malta** kienet naqqset milli tikkonsidra li dak iz-zmien, ukoll l-istess zmien bhal dak fil-kaz odjern, il-konoxxjenza kienet wahda generika u kien biss fid-disghinijiet li bdiet tohrog informazzjoni fuq ix-xena internazzjonali dwar kif ghandu jintuza l-*asbestos*.

21. Ghaldaqstant jissottomettu, il-quantum stabbilit mill-ewwel Qorti kien wiehed gust u ekwu u ghalhekk kien jimmerita konferma.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

22. Fl-aggravju taghhom ir-rikorrenti jilmentaw dwar il-*quantum* tal-kumpens moghti mill-ewwel Qorti fl-ammont ta' €21,000

Qabel xejn ghal dak li jirrigwarda l-principji affermati mill-gurisprudenza lokali u dik ta' Strasburgu dwar ir-rimedju, kemm dwar in-natura tieghu kif ukoll l-ammont tal-kumpens, din il-Qorti, a skans ta' repetizzjoni inutili, taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet legali maghmula minnha fis-sentenzi moghtija llum fil-kawzi fl-ismijiet **Anthony Farugia**

**v. Tabib Principali tal-Gvern**[1] u **Maria Rosaria Fenech v. Tabib Principali tal-Gvern**.[2]

23. Il-Qorti tosserva ulterjorment li llum, u minhabba l-fattispecje tal-kaz odjern, din il-Qorti taqbel ma dak osservat mill-Qorti ta' Strasburgu **Brincat and others v. Malta**[3] fejn, filwaqt li tat tifsira aktar wiesa' tal-portata tar-rimedju "pekunjarju" mitlub fil-proceduri f'Malta f'dak il-kaz, gie riaffermat li fil-kazijiet ta' lezjoni tal-Artikoli 2 u 3 u possibilment, f'cirkostanzi applikabbli, tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ghandu dejjem ikun possibli bhala rimedju l-hlas ta' danni mhux pekunjarji.

24. Din il-Qorti tinnota illi l-ewwel Qorti fis-sentenza preliminari taghha tad-19 ta' Novembru, 2014, kienet cahdet l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati li r-rikorrenti ma kienux ezawrew ir-rimedji ordinarji ezistenti. Madankollu jigi osservat li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova f'din il-kawza, ghajr ghall-eta` tal-vittma meta miet, bhala substratt fattwali tat-talba taghhom li jigu likwidati danni pekunjarji. Huwa evidenti ghalhekk, li r-rimedju meritu ta' dan l-appell ghandu jkun limitat biss f'dak non-pekunjarji ossia danni morali.

[1] Rik.nru.91/15
[2] Rik.nru.70/15
[3] Deciz 24 ta' Lulju 2014.

25. Infatti, din il-Qorti tosserva illi minkejja illi fil-hames talba taghhom fir-rikors promotur, ir-rikorrenti talbu illi tinghata ordni sabiex l-ammont likwidat bhala rimedju pekunjarju jithallas lilhom, ma jirrizultax illi l-aggravju taghhom jinsab iccentrat fuq in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tillikwida danni pekunjarji. Evidentement, ir-rikorrenti llimitaw l-ewwel aggravju taghhom ghall-konsiderazzjoni li l-*quantum* tad-danni morali likwidat mill-ewwel Qorti, tant huwa baxx illi huwa diskriminatorju meta mqabbla ma' danni non-pekunjarji moghtija f'kazijiet simili.

26. Skont ir-rikorrenti, l-ewwel Qorti ma haditx kont tal-*quantum* tal-kumpens likwidat mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Brincat and others v. Malta**. Din il-Qorti tosserva illi f'dan il-kaz appena citat, il-Qorti Ewropea llikwidat kumpens non-pekunjarju fis-somma ta' €9,000 ghal-lezjoni tal-Artikolu 2 u 8 tal-Konvenzjoni fil-kaz ta' diversi vittmi li, ghalkemm gie stabbilit li sahhithom giet affettwata negattivament u serjament b'espozizzjoni ghall-asbestos, kienu ghadhom hajjin meta gie deciz il-kaz. Ir-rikorrenti jaghmlu wkoll referenza ghall-kaz fl-ismijiet **Mary Grace Farrugia et v. Tabib Principali tal-Gvern et** deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar, 2017, fejn il-kumpens li nghata, bhal fil-kaz ta' **Brincat v. Malta**, kien ta' €30,000.

27. Din il-Qorti taqbel mar-rikorrenti illi c-cirkostanzi ta' dawn iz-zewg kazijiet citati minnhom fir-rikors tal-appell, huma analogi ghal dawk tal-

kaz odjern fil-mertu centrali taghhom inkwantu fit-tliet kazijiet, il-vittmi kollha kienu eks-impjegati tal-Malta Drydocks, kienu jahdmu fl-istess perijodu ta’ zmien bhala haddiema gewwa t-tarzna, kienu kollha esposti ghall-asbestos fuq il-post tax-xoghol taghhom, u lkoll mietu b’kundizzjonijiet li kienu kagun tal-espozizzjoni kontinwa taghhom ghal asbestos. Il-Qorti tosserva li, dawn il-kriterji, maghdud maghhom ukoll it-tul taz-zmien tal-marda li l-vittmi sofrew qabel ma’ mietu, u l-anzjeta` u s-sofferenza tal-familjari tal-vittma kif ukoll, sa certu punt, l-eta` tal-vittma, huma fatturi relevanti biex jigi likwidat kumpens ghal danni non-pekunjarji lill-eredi tal-vittmi. .

28. Din il-Qorti thoss li huwa importanti li jigi spjegat u senjalat li l-fattur tal-eta` tal-mewt tal-vittma ghandu piz qawwi fil-komputazzjoni tal-kumpens, ghax ghandu jirrizulta car li, hemm differenza kbira bejn il-kaz fejn il-marda qerrieda tkun hakmet persuna f’eta` relattivament zghira bhal nghidu ahna 60 sena circa u fil-kaz fejn il-marda tkun hakmitu meta l-persuna kienet qabzet is-70 sena. Meta l-vittma jkun gie privat minn hajtu f’eta` relattivament zghira, il-familjari tieghu jkunu gew privati mill-prezenza u mill-kumpanija tieghu ghal numru ta’ snin li kieku ma hakmitux il-marda, u hekk gara fil-kaz odjern fejn Salvatore Formosa miet ta’ 62 sena.

29. Fattur iehor li fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu jigi senjalat fil-komputazzjoni tal-kumpens huwa t-tul taz-zmien li matulu l-vittma dam isofri mill-marda, f'liema perijodu wkoll il-familjari tieghu jkunu sofrew anzjeta` u dwejjaq meta kienu jaraw lil missierhom ibati, minhabba l-marda, sakemm miet. Izda fil-kaz odjern hija manifestament mankanti l-prova ta' kif u f'liema grad il-marda affettwat lil John Formosa u kemm ipperdurat il-marda qabel ma eventwalment miet. Ma tressqet l-ebda prova fir-rigward mir-rikorrenti, u dan in-nuqqas minghajr dubbju kellu effett fuq kif l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha. Ukoll, ghalkemm f'cirkostanzi normali l-marda u l-konsegwenti mewt minn dik il-marda ta' Salvatore Formosa probabbilment ikkagunat anzjeta` u tbatija kbira lilu u lill-familjari tieghu jew uhud minnhom, ma tressqet l-ebda prova dwar in-natura ta' tali konsegwenzi. Lanqas ma jirrizulta kemm ir-rikorrenti kien f'relazzjoni vicina mal-vittma.

30. Ghalhekk, anke tenut kont ta' kazijiet analogi decizi minn din il-Qorti u anke mill-Qorti Ewropea, tenut kont min-naha wahda tal-eta` relattivament zghira tal-vittma meta miet u minn naha l-ohra tenut kont tan-nuqqas ta' provi fir-rigward ta' kemm ipperdurat il-marda u tan-nuqqas tal-provi dwar it-tip ta' relazzjoni li dan kellu mal-familjari tieghu, din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghaliex ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti u tiddipartixxi mill-

konkluzjoni raggjunta minnha fil-komputazzjoni tal-quantum tad-danni morali moghtija minnha.

31. Ghaldaqstant l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi respint.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrenti billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb